MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 40/2003

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Deborah Fenech de Fremaux**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, mitejn u tnax-il lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm3212.29) rappresentanti ammont mill-konvenuta dovuti fuq tlett servizzi telefonici bin-numri 21462697, 21462698 u 21 462725 skond breakdown (Kopji taghhom huma annessi mal-avviz u markati Dok A u B).

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi a fol 2 u fol 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fid-19 ta' Lulju 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3212.29,0 bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Jannar 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------